

Brussell, 9 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9978/1/17
REV 1

SAN 235

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 9519/17 SAN 209	
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur tas-16 ta' Ġunju 2017 Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inkoraġġiment tal-Kooperazzjoni Volontarja Mmexxija mill-Istati Membri bejn is-Sistemi tas-Saħħa - Adozzjoni

1. Fil-31 ta' Mejju, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq u ddeċieda li jippreżentahom lill-Kunsill (EPSCO) għall-adozzjoni fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2017.
2. Sadanittant id-delegazzjoni Ġermaniża ppreżentat id-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 1 għal dan id-dokument.
3. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet li jinsabu fl-Anness għal dan id-dokument u jiddeċiedi li jippubblikahom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar
l-Inkoraġġiment tal-Kooperazzjoni Volontarja Mmexxija mill-Istati Membri bejn is-Sistemi
tas-Saħħa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. IFAKKAR li, skont l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem għandu jiġi żgurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni, li l-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politiki nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, li l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika u, jekk meħtieġ, tagħti sostenn lill-azzjoni tagħhom, u li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom u għall-organizzazzjoni u l-ġoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika kif ukoll għall-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom.
2. IFAKKAR li skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, frispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati, skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali.
3. IFAKKAR fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti¹ li tenfasizza l-valur miżjud għall-Istati Membri li jsaħħu ulterjorment il-kooperazzjoni.
4. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kriżi ekonomika u l-kura tas-saħħa², adottati fl-20 ta' Ġunju 2014.

¹ 8997/14 COM (2014) 2015 final.

² ĠU C 217, 10.7.2014, p. 2.

5. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-investment fil-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa tal-Ewropa ta' għada: Possibbiltajiet ta' innovazzjoni u kollaborazzjoni³, adottati fis-7 ta' Diċembru 2010.
6. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa⁴, adottati fl-10 ta' Ġunju 2008, li, fost l-oħrajn, jiddefinixxu lill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli bħala forum għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet strateġiċi komuni ewlenin fis-saħħa u l-kooperazzjoni strateġika fost l-Istati Membri.
7. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-bilanċ fis-sistemi farmaċewtiċi fl-UE u l-Istati Membri tagħha⁵, adottati fis-17 ta' Ġunju 2016.
8. IFAKKAR fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar azzjoni fil-qasam tal-mard rari⁶, adottata fid-9 ta' Ġunju 2009.
9. JIEĦU NOTA tar-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Aċċess għall-Mediċini⁷, adottata fl-14 ta' Frar 2017.
10. JENFASIZZA l-importanza li l-kooperazzjoni volontarja fost l-Istati Membri tiġi inkoraġġita sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u azzjonijiet sostenibbli u effettivi u biex l-impatt tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni jiġi massimizzat.
11. IFAKKAR fid-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali⁸, u b'mod partikolari l-Kapitolu IV tagħha, fir-rigward tal-kooperazzjoni fil-kura tas-saħħa.

³ ĠU C 74, 8.3.2011, p. 2.

⁴ 16139/08.

⁵ ĠU C 269, 23.7.2016, p. 31.

⁶ ĠU C 151, 3.7.2009, p. 7.

⁷ Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Marzu 2017 dwar l-għażliet tal-UE biex jittejjeb l-aċċess għall-mediċini – 2016/2057(INI).

⁸ Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali, Artikolu 3(1) (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45.).

12. Filwaqt li JTENNI li s-saħħa hija ta' valur fiha nnifisha, IQIS li s-sistemi tas-saħħa jagħtu benefiċċju soċjali akbar li jmur lil hinn mill-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u jagħtu kontribut kbir lill-koeżjoni soċjali, il-ġustizzja soċjali u t-tkabbir ekonomiku.
13. IQIS li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea f'oqsma magħżula jista' jagħti riżultati aħjar għall-pazjenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jżid l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa.
14. JINNOTA li t-"teknoloġija tas-saħħa" tfisser prodott mediċinali, tagħmir mediku jew proċeduri mediċi u kirurġiċi kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni, id-dijanjożi jew it-trattament ta' mard użati fil-kura tas-saħħa⁹.
15. JINNOTA li r-referenza hawnhekk għat-terminu "aċċess għat-teknoloġija tas-saħħa" tiġbor fiha wkoll il-kunċetti aktar wiesgħa ta' proċessi ta' akkwist li jvarjaw minn ġbir u kondivizzjoni ta' informazzjoni sa monitoraġġ wara x-xiri u l-akkwist, kif ukoll ipprezzar u rimborż. Dan it-terminu huwa mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/24/UE tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku¹⁰ u tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali¹¹.
16. IQIS li l-kwalità tal-kura tal-pazjenti hija importanti ħafna u li forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa hija neċessarja biex tiġi żgurata kura ta' kwalità għolja. In-nuqqasijiet globali fil-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa li jaffettwaw serjament il-kapaċità tal-maġġoranza tal-Istati Membri, għalkemm l-aktar fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effikaċi billi tiżdied il-kooperazzjoni volontarja biex titjieb id-disponibbiltà tal-ħiliet u r-riżorsi fl-Unjoni Ewropea kollha.

⁹ Punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

¹⁰ Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

¹¹ Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

17. ITENNI li l-kooperazzjoni bejn is-sistemi tas-saħħa li tinvolvi l-kompetenzi tal-Istati Membri jenħtieġ li tkun immexxija esklużivament mill-Istati Membri u tkun ta' natura volontarja.
18. JINNOTA li l-kooperazzjoni volontarja bejn is-sistemi tas-saħħa tista' tipprovdi strutturi flessibbli adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri parteċipanti u li tali kooperazzjoni tista' teħtieġ l-użu ta' strumenti definiti minn daww l-Istati Membri.
19. JIEĦU KONT tad-differenzi li jeżistu bejn is-sistemi tas-saħħa u l-benefiċċju li tingħata promozzjoni lit-tixrid rapidu u effiċjenti ta' prattiki innovattivi bbażati fuq l-evidenza.
20. JINNOTA li l-indirizzar tal-karatteristiċi u l-isfidi speċifiċi li jinħolqu fis-suq tal-kura tas-saħħa għal innovazzjonijiet terapewtiċi, b'mod partikolari fil-qasam tal-mard rari, u l-iżvilupp ta' mediċina personalizzata, jistgħu jibbenefikaw minn kooperazzjoni volontarja biex jiġi żgurat bilanċ bejn l-aċċess, il-kwalità, l-affordabbiltà u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa.
21. JINNOTA li diversi Stati Membri qed jinvolvu ruħhom f'mudelli ta' kooperazzjoni volontarja transfruntiera u reġjonali biex itejbu l-aċċess għat-teknoloġija tas-saħħa u li jistgħu jinstiltu lezzjonijiet importanti minn dawn l-esperjenzi.
22. IQIS li l-kooperazzjoni volontarja biex jitjieb l-aċċess għal teknoloġiji tas-saħħa hija kompletament konformi mal-valuri u l-prinċipji Ewropej komuni.
23. JINNOTA li bidla fit-teknoloġija tas-saħħa u l-imġiba tas-suq tista' tirrikjedi approċċi differenti minn daww applikati fl-imġhoddi biex jitjieb l-aċċess għat-teknoloġiji tas-saħħa, fost l-oħrajn permezz ta' kooperazzjoni volontarja.
24. JINNOTA d-domanda minn diversi Stati Membri għal aktar kooperazzjoni volontarja bejniethom, bħala mezz biex jitjieb l-aċċess għat-teknoloġiji tas-saħħa, inkluż:

- bit-tisħiħ tat-trasparenza permezz ta' kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni;
- billi jkun possibbli t-tagħlim transfruntier permezz tal-kondiviżjoni tal-esperjenza;
- bit-tisħiħ tas-setgħa tan-negozjar, b'mod partikolari għal swieq iżgħar, permezz ta' aggregazzjoni volontarja tad-domanda;
- bl-iżgurar tal-aċċess għat-teknoloġiji tas-saħħa permezz ta' skambju transfruntiera ta' informazzjoni u prodotti skarsi, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

25. JINNOTA li l-għoti ta' kura tas-saħħa speċjalizzata ħafna (HSHC) tinvolvi d-dijanjożi, it-trattament u/jew il-ġestjoni ta' kundizzjonijiet kumplessi bi spejjeż għoljin marbuta magħhom, u ta' spiss tista' tingħata biss permezz ta' professjonisti fil-kura medika mħarrġa adegwatament li jaħdmu f'ċentri ta' kompetenza esperta, biex b'hekk jinħolqu sfidi speċifiċi għall-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa.
26. JINNOTA li n-Networks Ewropej ta' Referenza (ERNs), meta jkunu żviluppati b'mod sħiħ, jippreżentaw opportunità għat-tisħiħ ta' kapaċitajiet fl-Ewropa kollha fil-forniment ta' servizzi tas-saħħa speċjalizzati, b'mod partikolari fil-qasam tal-mard rari sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-kura u d-disseminazzjoni tal-għarfien u tal-prattiki innovattivi.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

27. Jesploraw, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan fora eżistenti u rilevanti dwar is-saħħa, oqsma ta' kontenut ta' prijorità u proċessi xierqa għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni volontarja mmexxija mill-Istati Membri, bħala mezz biex iżidu l-effikaċja, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa tagħhom, u biex jiġu identifikati proċessi ta' prijorità u kategoriji ta' prodotti li għalihom il-kooperazzjoni volontarja bejn is-sistemi tas-saħħa ta' Stati Membri differenti tista' żżid il-valur bħala mezz biex jiġu żgurati affordabbiltà akbar u aċċess aħjar għat-teknoloġiji tas-saħħa.

Id-diskussjonijiet jistgħu wkoll:

- a) Jesploraw il-fatturi li jappoġġaw u jxekklu l-kooperazzjoni volontarja biex jittejjeb l-aċċess għat-teknoloġiji tas-saħħa, fil-kuntest tas-saħħa, li hija kompetenza tal-Istat Membru;
- b) Jidentifikaw oqfsa tal-aħjar prattika għal kooperazzjoni volontarja transfruntiera u reġionali biex jitjeb l-aċċess għall-innovazzjoni, għal dawk l-Istati Membri li jkunu lesti jiżviluppaw strateġiji bħal dawn;
- c) Jesploraw soluzzjonijiet biex tiżdied l-effikaċja tal-kooperazzjoni u biex jiġu antiċipati aħjar l-ostakli potenzjali għall-aċċess, minħabba li jfeġġu teknoloġiji tas-saħħa ġodda, inkluż billi jikkontribwixxu b'mod attiv għall-hekk imsejjaħ skannjar konġunt tal-orizzont;
- d) Jesploraw mekkaniżmi għal kondiviżjoni volontarja ta' informazzjoni fil-faġi ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni, bil-ħsieb li jiġu evalwati l-eżiti, inkluż l-impatt, li l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi tas-saħħa jkollha fuq il-pazjenti u s-sistemi tas-saħħa;
- e) Jikkondividu informazzjoni dwar il-kriterji u l-proċessi użati mill-Istati Membri għal diżinvestiment fit-teknoloġiji tas-saħħa li ma jibqgħux kosteffiċjenti;
- f) Jevalwaw il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' aċċess aħjar għal trattamenti għal pazjenti b'mard rari u uġiġħ kroniku, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jinżamm bilanċ bejn l-innovazzjoni, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà;
- g) Jesploraw oqsma li fihom il-kumpilazzjoni transfruntiera volontarja ta' data u l-iżvilupp ta' prinċipji komuni għall-ġbir ta' data f'konformità mal-leġislazzjoni tal-protezzjoni tad-data¹² jistgħu jipprovdu valur miżjud, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri¹³.

¹² Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

¹³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar mediċina personalizzata għall-pazjenti, adottati fis-7 ta' Diċembru 2015 (ĠU C 421, 17.12.2015, p. 2).

28. Jidentifikaw oqsma ta' kooperazzjoni volontarja potenzjali bejn l-Istati Membri biex isaħħu u jtejbju l-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa tal-Istati Membri parteċipanti, bil-ħsieb li:
- a) Jigħu esplorati possibilitajiet u mekkaniżmi għal kooperazzjoni volontarja biex jitjieb it-trasferiment tal-għarfien u ħiliet u biex tiġi żviluppata aktar il-kapaċità tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa;
 - b) Isir użu mill-esperjenza lokali dokumentata tal-kooperazzjoni volontarja tal-kura tas-saħħa speċjalizzata ħafna biex tkun ta' informazzjoni għal politiki fil-livell makro, fejn xieraq;
 - c) Issir promozzjoni tal-kooperazzjoni volontarja dwar prattiki etiċi ta' reklutaġġ;
 - d) Jiġi inkuraġġit u appoġġat il-ħolqien ta' evidenza dwar it-trasferibbiltà ta' prattiki innovattivi, inkluż il-kooperazzjoni volontarja, permezz ta' mobilità strutturata f'servizzi speċjalizzati ħafna, bħala għodda għad-disseminazzjoni ta' servizzi tas-saħħa innovattivi ta' kwalità għolja.
29. Filwaqt li jikkunsidraw l-eżistenza ta' prattiki differenti ta' informazzjoni fi ħdan is-suq tal-farmaċewtika, u filwaqt li jirrikonoxxu l-benefiċċji potenzjali ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-politiki nazzjonali ta' pprezzar u ta' rimborzar, jikkondividu aktar informazzjoni dwar ftehimiet ta' pprezzar u fil-qafas tagħhom b'rabta ma' prodotti mediċinali fuq bażi volontarja, bil-ħsieb li tiżdied it-trasparenza u tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Istati Membri individwali f'negozjati mal-industrija u – konsegwentement – tiżdied l-affordabbiltà ta' dawn il-prodotti fl-UE kollha.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI BIEX:

30. Jippromwovu l-kisba ta' ħiliet innovattivi u speċjalizzati għall-professjonisti stabbiliti kif ukoll għal apprendisti gradwati permezz tal-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni volontarja bejn l-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa orjentati lejn il-promozzjoni ta' riżultati aħjar għall-pazjenti, il-kontinwità tal-kura u t-tisħiħ tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa.

31. Jinkoraġġixxu lill-ERNs biex jiksbu l-oġġettivi maħsuba tagħhom li jipprovdu aċċess aħjar għal pazjenti li jeħtieġu kura tas-saħħa speċjalizzata ħafna, sabiex l-ostakli għall-aċċess jingħelbu u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn iċ-ċittadini Ewropej. Dan jinkludi:
- a) Evalwazzjoni tal-prontezza u l-kapaċità tal-ERNs li jassumu rwol f'taħriġ speċjalizzat ħafna u fl-iżvilupp professjonali kontinwu għall-professjonisti tas-saħħa, b'mod partikolari permezz ta' taġġim elettroniku (e-learning), taħriġ elettroniku (e-training) u skambji fuq perijodi qosra biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa permezz tal-fornituri tal-kura tas-saħħa tal-ERN, u biex jiżviluppaw l-għarfien u l-ħila esperta tagħhom fid-dijanjożi, it-trattament u l-kura tal-pazjenti;
 - b) Riflessjoni dwar modi kif tista' tiġi stimolata r-riċerka innovattiva fuq mard rari ħafna permezz tal-ERNs, tinġabar evidenza dwar l-effikaċja tat-teknoloġiji innovattivi u tinġabar data komparabbli u affidabbli minn reġistri tal-pazjenti interoperabbli, kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra.
32. Jiffaċilitaw u jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota għal mobilità professjonali transfruntiera volontarja bħala mezz biex tinbena l-esperjenza u l-kapaċità li jiġu pprovduti servizzi innovattivi u speċjalizzati ħafna, f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, billi jibnu fuq l-oportunitajiet offruti permezz ta' strutturi eżistenti.
33. Jikkunsidraw li jwettqu eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni u rapportar dwar l-azzjonijiet nazzjonali volontarji u l-kollaborazzjoni volontarja fil-livell Ewropew bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-mard rari sabiex jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki.
34. Jeżaminaw l-eżitu tal-analiżi bbażata fuq l-evidenza tal-impatt tal-inċentivi fuq l-innovazzjoni, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-prodotti mediċinali, inklużi mediċini orfni.
35. Jikkunsidraw li jittieħed kont, fuq bażi volontarja, tar-rakkomandazzjonijiet, l-aħjar prattiki u r-riżultati bbażati fuq il-ħidma mwettqa f'azzjonijiet konġunti u gruppi ta' ħidma ta' esperti rilevanti tal-UE, u d-disseminazzjoni tar-riżultati fil-livelli varji fis-sistema tas-saħħa.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

36. Tiffaċilita valutazzjoni tal-ħtiġijiet, l-iskambju u l-kooperazzjoni b'rabta mat-taħriġ għal min ikun iggradwa u żvilupp professjonali kontinwu fil-qasam tas-servizzi innovattivi u speċjalizzati ħafna. F'dan ir-rigward, il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-Iżvilupp Professionali Kontinwu fl-UE (2014)¹⁴ f'konsultazzjoni ma' Stati Membri u l-organizzazzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell Ewropew, jista' jkun dokument ta' valur biex wieħed jibni fuqu.
37. Jekk mitlub mill-Istati Membri, wara l-preżentazzjoni tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fil-paragrafu 36, tirrifletti dwar ir-rekwiżiti għal żvilupp sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-għażliet.
37. Tinforma lill-Kunsill dwar l-istat tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2009 dwar azzjoni fil-qasam tal-mard rari kif ukoll dwar is-segwitu tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2008 dwar mard rari.¹⁵
-

¹⁴ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/workforce/docs/cpd_mapping_report_en.pdf

¹⁵ 15775/08 - COM (2008) 679 final.